SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

27 ta' Ġunju 2017 *

"Sussidji — Investigazzjoni tal-OLAF — Konstatazzjoni ta' irregolaritajiet — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi sanzjoni amministrattiva — Esklużjoni minn proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi u mill-għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal perijodu ta' 18-il xahar — Inklużjoni fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni — Applikazzjoni *ratione temporis* tad-diversi verżjonijiet tar-Regolament Finanzjarju — Forom proċedurali sostanzjali — Applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa"

Fil-Kawża T-151/16,

NC, inizjalment irrappreżentata minn J. Killick, G. Forwood, barristers, C. Van Haute u A. Bernard, avukati, sussegwentement minn J. Killick, G. Forwood, C. Van Haute u J. Jeram, solicitor,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn F. Dintilhac u M. Clausen, sussegwentement minn Dintilhac u R. Lyal, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Jannar 2016, li tipprovdi sanzjoni amministrattiva ta' esklużjoni tar-rikorrenti mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u mis-sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal perijodu ta' 18-il xahar u li konsegwentement tinkludih fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise (Relatur) u K. Kowalik-Bańczyk, Imħallfin,

Reġistratur: S. Spyropoulos, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-2 ta' Marzu 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju"), ġie b'mod partikolari emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 286, p. 1), applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Peress li d-dibattiti f'din il-kawża jqajmu l-kwistjoni tal-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-fatti tal-kawża ineżami, huwa l-każ ukoll li jsir riferiment għall-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-mument ta' meta seħħew il-fatti kkritikati meta wieħed iqis ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 121), fil-verżjoni applikabbli tiegħu f'Novembru 2008 u fi Frar 2009. Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 (ĠU 2012, L 362, p. 1), ġie emendat ukoll b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2462, tat-30 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 342, p. 7), filwaqt li fil-mument meta seħħew il-fatti kkritikati kien japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1605/2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1 Vol. 4, p. 145), (iktar 'il quddiem, kull wieħed minnhom, ir-"Regolament ta' applikazzjoni").

2 Ir-rikorrenti, NC, hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li tassumi b'mod partikolari azzjonijiet bi skop umanitarju u żvilupp sostenibbli. Fl-2007, hija kisbet, fil-kuntest ta' kuntratt konkluż mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej taħt l-azzjonijiet esterni tal-Komunità Ewropea, sussidju ta' ammont previst ta' diversi mijiet ta' eluf ta' euro għal proġett ta' ġestjoni bi skop ambjentali f'pajjiż terz.

3 Fl-2012, il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea wettqet kontrolli fis-sede tar-rikorrenti, relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt imsemmi fi-punt 2 iktar 'il fuq. Hija identifikat żewġ xirjiet ta' materjal, li jirrigwardaw vettura u tagħmir tekniku, li qajmu dubji fir-rigward tas-sinċerità tal-proċeduri ta' implementazzjoni ta' kompetizzjoni għal dawn ix-xirjiet, f'Novembru 2008 u fi Frar 2009, rispettivament. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fetaħ għalhekk investigazzjoni li matulha huwa enfasizza fir-rigward tagħha li din ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi d-dokumenti li permezz tagħhom hija kienet talbet l-offerti minn diversi fornituri u li kien jirriżulta mill-investigazzjonijiet li ċerti offerenti kienu marbuta mal-offerent uniku li rebaħ iż-żewġ kuntratti. Skont l-OLAF, il-fatti jissuġġerixxu li r-rikorrenti stess kienet organizzat l-affarijiet sabiex jibbenefika l-imsemmi fornitur. Ir-rikorrenti wieġbet lill-OLAF, iżda madankollu, f'Awwissu 2014, dan indika, filwaqt li kkonkluda l-investigazzjoni tiegħu, li huwa jirrakkomanda lill-Kummissjoni sabiex din tiġi rreġistrata fis-sistema ta' twissija bikrija prevista mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/969/KE, Euratom, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar is-Sistema ta' Twissijiet Bikrija għall-użu mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi (ĠU 2008, L 344, p. 125).

4 Permezz ta' ittra tal-31 ta' Awwissu 2015, redatta fuq il-bażi tal-Artikolu 131(5) tar-Regolament Finanzjarju, moqri flimkien mal-Artikolu 109(1) tal-istess regolament, kif ukoll tal-Artikolu 145 tar-Regolament ta' applikazzjoni fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015, li skonthom l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jimponi, wara li l-persuni kkonċernati jitqiegħdu f'pożizzjoni sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji ta' natura effettiva, proporzjonata u dissważiva fuq il-benefiċjarji ta' sussidji li, b'mod partikolari, kienu ġew iddikjarati li naqsu b'mod serju milli jeżegwixxu l-obbligi tagħhom, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li hija kienet intiża li teskludiha għal sentejn minn kuntratti u sussidji ffinanzjati

mill-baġit tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 145 tar-Regolament ta' applikazzjoni fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015 kien jipprevedi b'mod partikolari li l-esklużjoni minn kuntratti u sussidji ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni setgħet ittul sa ħames snin dekorribbli mid-data tal-konstatazzjoni tan-nuqqas, jew sa għaxar snin fil-każ ta' riċediva. Il-Kummissjoni żiedet li, fil-każ li din is-sanzjoni tinżamm, din tiġi inkluża fid-database ċentrali tal-esklużjoni, imsemmija fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015, kif ukoll fis-sistema ta' twissija bikrija fuq il-bażi ta' twissija ta' esklużjoni, kif previst fl-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/792/UE, tat-13 ta' Novembru 2014, dwar is-Sistema ta' Twissijiet Bikrija li għandha tintuża mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi (ĠU 2014, L 329, p. 68), li ssostitwixxiet id-deċiżjoni preċedenti dwar is-sistema ta' twissija bikrija u li hija stess ġiet issostitwita mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105a(1)(a) u tal-Artikolu 108(2) sa (4) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, dwar l-"identifikazzjoni bikrija ta' riskji li jheddu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni". Għandu jiġi nnotat li, fl-ittra tagħha, il-Kummissjoni rreferiet ukoll għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament ta' applikazzjoni tagħha applikabbli fil-mument ta' meta seħħew il-fatti kkritikati. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti msemmija mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha huma essenzjalment identiċi għal dawk imsemmija fil-bidu ta' dan il-punt.

5 Fl-ambitu tal-proċedura kontradittorja prevista fid-dispożizzjonijiet hawn fuq invokati, il-Kummissjoni talbet lir-rikorrenti tippreżenta l-osservazzjonijet tagħha f'terminu ta' 30 jum dekorribbli mid-data ta' meta tirċievi l-ittra tagħha.

6 Fl-ittra tagħha tal-31 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni ġabret il-fatti, esponiet numru partikolari ta' ċirkustanzi li minnhom hija kkonkludiet li l-offerti li saru għaż-żewġ xirjiet inkwistjoni ma kinux sinċiera, enfasizzat l-inkoerenzi dwar l-identità tal-offerenti għall-provvista tal-vettura fost l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrenti f'rapport operazzjonali mibgħut lill-kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat mill-proġett u dak li jirriżulta mill-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF u enfasizzat l-assenza ta' riferiment għax-xiri tat-tagħmir tekniku fir-rapporti kollha prodotti mir-rikorrenti u l-impossibbiltà li fiha din kienet sabiex tipprovdi lill-Qorti tal-Awdituri kopji tas-sejħiet għal offerti li suppost intbagħtu lill-offerenti. Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rikorrenti kienet organizzat frodi billi ħolqot kompetizzjoni fittizja sabiex tiffavorixxi lill-offerent taż-żewġ oġġetti inkwistjoni. Fl-analiżi legali esposta sussegwentement, il-Kummissjoni żammet bħala irregolari, minbarra l-manipulazzjoni taż-żewġ proċeduri ta' kompetizzjoni, il-produzzjoni ta' rapporti li ma jirriflettux ir-realtà kif ukoll in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' xiri u tal-obbligi dwar dokumenti stipulati fil-kuntratt. B'mod ġenerali, hija qieset li r-rikorrenti ma mexxietx il-proġett bis-serjetà, l-effikaċja, it-trasparenza u d-diliġenza meħtieġa, skont il-prattika tajba tas-settur u fl-osservanza tal-kuntratt. Dwar is-sanzjoni prevista, wara li fakkret il-kriterji ġenerali li hija kellha tapplika, il-Kummissjoni qieset li l-irregolaritajiet irrilevati kienu serji ħafna u li din ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrenti ressqet dokumenti ffalsifikati jew li ma kinux jirriflettu r-realtà. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rreferiet għal diversi prattiki li r-rikorrenti implementat sabiex tkabbar l-ispejjeż tagħha meta mqabbla mar-realtà f'diversi kuntratti, fosthom dan inkwistjoni f'din il-kawża, u li ġew skoperti mill-OLAF jew servizzi oħra. Dan wassal lir-rikorrenti sabiex ikollha tħallas lura iktar minn EUR 200 000 ta' sussidji mħallsa indebitament.

7 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Ottubru 2015, fit-terminu mogħti mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha bħala risposta. B'mod partikolari, hija esponiet li sanzjoni ta' esklużjoni kontra tagħha kienet sproporzjonata. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, hija sostniet li, fir-realtà, il-fatti ma kinux jikkorrispondu għall-fatti serji li bihom hija ġiet akkużata. Hija kkontestat il-fatt li ċ-ċirkustanzi kkonstatati mill-Kummissjoni setgħu jwasslu għall-konklużjoni li hija kienet organizzat kompetizzjonijiet fittizji. Essenzjalment, hija ammettiet nuqqas ta' rigorożità fil-kontrolli tagħha u fit-tħejjija tar-rapporti tagħha, filwaqt li enfasizzat li l-persuna inkarigata bil-proġett kienet liċenzjata u li l-proċeduri interni tagħha kienu ġew mibdula, iżda hija ċaħdet il-frodi intenzjonali min-naħa tagħha, billi ressqet argumenti fir-rigward tad-diversi elementi mressqa mill-Kummissjoni. Fit-tieni lok, hija sostniet li l-fatti previsti ma ppreġudikawx l-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-Unjoni. Ix-xiri

inkwistjoni tħallsu bil-prezz tas-suq u l-ammont li jikkorrispondi tħallas lura lill-Unjoni. Fit-tielet lok, hija argumentat li għandu jitqies iż-żmien li għadda, speċjalment billi, sa minn meta seħħew il-fatti kkritikati, fl-2008 u fl-2009, hija kienet diġà ġiet severament issanzjonata għal irregolaritajiet oħra. F'dan ir-rigward, fir-raba' lok, ir-rikorrenti kkontestat ir-repetizzjoni ta' irregolaritajiet. Il-prattiki l-oħra msemmija mill-Kummissjoni ma kinux fil-fatt jippreċedu lil dawk inkwistjoni f'din il-kawża, iżda seħħew fl-istess żmien, li juru l-istess nuqqas ta' kontroll intern. Fil-ħames lok, l-irregolaritajiet imwettqa ma kinux intenzjonali. Fis-sitt lok, l-identifikazzjoni tagħhom ippermettiet imbagħad li jiġu stabbiliti proċeduri interni u mekkaniżmi ta' kontroll robusti, intiżi sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji meħtieġa, filwaqt li r-rikorrenti, barra minn hekk, ikkooperat b'mod sħiħ mas-servizzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul l-investigazzjonijiet tagħhom. Fis-seba' lok, ir-rikorrenti esponiet li s-sanzjoni qawwija li għaliha hija kienet diġà ġiet suġġetta, invokata hawn fuq, kienet ħadet l-għamla ta' fait accompli mill-pubblikità mogħtiha fil-midja għall-investigazzjonijiet preċedenti tal-OLAF fir-rigward tagħha. Għalhekk, l-esklużjoni ta' sentejn previsti mill-Kummissjoni bl-inklużjoni fid-database ċentrali tal-esklużjoni prevista fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni tiegħu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015 kif ukoll fis-sistema ta' twissija bikrija se tkun għaliha kolp devastanti mingħajr rabta mal-fatti previsti.

8 Fit-28 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, li timponi sanzjoni amministrattiva ta' esklużjoni tar-rikorrenti mill-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti u ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal perijodu ta' 18-il xahar u li tinkludiha konsegwentement fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

9 Id-deċiżjoni kkontestata tirriproduċi l-espożizzjoni tal-fatti li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2015, miġbura fil-qosor fil-punt 6 iktar 'il fuq. Hija tfakkar li l-proċedura kontradittorja nbdiet b'din l-ittra skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015. Hija tispeċifika l-bażi legali tas-sanzjoni billi ssemmi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament ta' applikazzjoni applikabbli għaż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati (ara l-punt 4 iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, f'nota ta' qiegħ il-paġna, il-Kummissjoni indikat dan li ġej:

"Konformement mal-prinċipju ta' suċċessjoni tar-regoli legali *ratione temporis* u mal-ġurisprudenza stabbilita f'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-regoli ta' proċedura applikabbli għandhom ikunu dawk fis-seħħ fiż-żmien tal-adozzjoni ta' deċiżjoni, filwaqt li fil-prinċipju r-regoli sostantivi ma japplikawx għas-sitwazzjonijiet li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom [...] Għalhekk, ir-regoli sostantivi applikabbli f'dan il-każ huma dawk fis-seħħ fiż-żmien meta l-fatti kkritikati seħħew. Il-proċedura kontradittorja ġiet iffinalizzata fl-ambitu tar-regoli applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015."

10 Id-deċiżjoni kkontestata ssemmi mbagħad żewġ irregolaritajiet aġġornati, jiġifieri l-manipulazzjoni taż-żewġ proċeduri ta' kompetizzjoni u l-produzzjoni ta' rapporti li ma jirriflettux ir-realtà. Hija tfakkar ukoll is-sanzjoni ta' sentejn ta' esklużjoni prevista, fid-dawl b'mod partikolari tar-repetizzjoni tal-produzzjoni ta' informazzjoni li ma tirriflettix ir-realtà.

11 Fl-analiżi legali li tidher iktar tard fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tikklassifika ż-żewġ irregolaritajiet imsemmija fil-punt preċedenti bħala nuqqasijiet serji tal-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali tagħha mir-rikorrenti, fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli fiż-żmien meta seħħew il-fatti kkritikati, f'dan il-każ l-Artikolu 96(1)(b) u l-Artikolu 114(4) tar-Regolament Nru 1605/2002, li huma identiċi, rispettivament, għall-Artikolu 109(1)(b) u għall-Artikolu 131(5) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015. Il-Kummissjoni tiċħad l-argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex tikkontesta l-fatt li hija organizzat kompetizzjonijiet fittizji. Hija tiċħad ukoll argumenti oħra tar-rikorrenti intiżi sabiex juru li hija ma

kinitx kisret numru partikolari ta' prinċipji stipulati fil-kuntratt jew li jipprevedu l-eżekuzzjoni korretta tiegħu. Hija tenfasizza wkoll li r-rikorrenti ma tikkontestax l-iżbalji, l-inkoerenzi jew in-nuqqasijiet li jidhru fir-rapporti li hija kellha tipproduċi.

12 Fir-rigward tas-sanzjoni, il-Kummissjoni tesponi li, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti applikabbli għaż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati tar-Regolament ta' applikazzjoni, hija għandha, sabiex tiddetermina l-perijodu tal-esklużjoni filwaqt li tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, tqis b'mod partikolari l-gravità tal-fatti, b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq l-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-Unjoni, iż-żmien li għadda mill-fatti inkwistjoni, it-tul u r-repetizzjoni tan-nuqqasijiet, l-intenzjoni jew il-grad ta' negliġenza tal-entità kkonċernata u l-miżuri meħuda minnha sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. F'dan il-każ, wara li enfasizzat il-gravità tal-fatti, il-Kummissjoni indikat li l-produzzjoni ta' dokumenti li ma jirriflettux ir-realtà kienet tikkostitwixxi aġir ripetut tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għall-prattiki msemmija fl-ittra tagħha tal-31 ta' Awwissu 2015, li r-rikorrenti implementat sabiex tkabbar l-ispejjeż tagħha meta mqabbla mar-realtà f'diversi kuntratti u li ġew identifikati mill-OLAF jew minn servizzi oħra. Għad-diversi argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex tevita sanzjoni, il-Kummissjoni tirrispondi b'mod partikolari li hija skorretta n-negazzjoni tal-eżistenza ta' preġudizzju finanzjarju għall-Unjoni, peress li kieku l-proċeduri ta' kompetizzjoni kienu sinċiera, il-prezz tax-xiri kien jista' jkun iktar baxx, li r-reputazzjoni tal-Unjoni hija neċessarjament affettwata minn użu ħażin ta' sussidji għall-benefiċċju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' pajjiżi terzi, li ż-żmien li għadda mill-fatti huwa dovut għaċ-ċirkustanza li dawn ma ġewx skoperti biss fl-2012 mill-Qorti tal-Awdituri, li l-kunċett ta' repetizzjoni tal-fatti previsti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament ta' applikazzjoni applikabbli ma jissuponix sanzjoni amministrattiva preċedenti ta' xi wħud minnhom u lanqas is-suċċessjoni tagħhom *ratione temporis* u jinkludi l-każijiet li fihom il-fatti ma humiex iżolati, iżda jieħdu posthom f'totalità ta' fatti simili li juru l-gravità tas-sitwazzjoni, li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti kienet madankollu diġà tat preċedentement informazzjoni falza intiża sabiex tkabbar l-ispejjeż tagħha u li, kuntrarjament għal dak li hija tallega, il-manipulazzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża kienu intenzjonali, mingħajr ma mekkaniżmu ta' kontroll seta' jevitahom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta bis-sħiħ u b'mod dettaljat li hija oriġinat il-pubbliċità li saret fil-midja fir-rigward tal-proċeduri li jinvolvu lir-rikorrenti kif ukoll id-diffikultajiet konsekuttivi li setgħu affettwawha. Il-Kummissjoni tenfasizza l-parti preponderanti ħafna tar-riżorsi pubbliċi – barra mill-Unjoni – fil-bażit tar-rikorrenti u l-fatt li, mill-2008 sa 2014, is-sussidji tal-Unjoni għall-benefiċċju ta' din tal-aħħar irrappreżentaw parti ferm iktar baxxa. Għalhekk, skont il-Kummissjoni, is-sanzjoni ta' esklużjoni ma għandha ebda effett devastanti fuq ir-rikorrenti, kuntrarjament għal dak li hija ssostni. Filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni, għall-kuntrarju, il-miżuri meħuda minnha sabiex ittejjeb il-kontrolli tagħha u l-proċeduri interni tagħha, kif ukoll it-tkeċċija tal-persuna inkarigata mill-proġett inkwistjoni, il-Kummissjoni tnaqqas definittivament għal 18-il xahar is-sanzjoni ta' esklużjoni, applikabbli b'effett mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' sanzjoni.

13 Il-Kummissjoni żżid fid-deċiżjoni kkontestata li l-inklużjoni tar-rikorrenti fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni tintemm fl-iskadenza tal-perijodu ta' sanzjoni. L-inklużjoni saret konkretament fit-30 ta' Marzu 2016.

14 Id-deċiżjoni kkontestata ma ġietx ippublikata. F'dan ir-rigward, ir-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati ma kienx isemmi l-possibbiltà ta' pubblikazzjoni ta' tali deċiżjoni. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 109(3) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015 kien jipprevedi l-possibbiltà ta' tali pubblikazzjoni, ladarba jkunu eżawriti r-rimedji kontra d-deċiżjoni. Issa, fir-rigward tas-sanzjonijiet ta' esklużjoni adottati f'każ bħal dak preżenti, l-Artikolu 106(16) u (17) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 jipprevedi, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-pubblikazzjoni possibbli ta' informazzjoni nominattiva li tikkonċerna l-esklużjoni adottata, qabel l-iskadenza tad-drittijiet għal rimedju.

15 Fid-29 ta' Jannar 2016, meta r-rikorrenti kienet għadha ma ħaditx konjizzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-konsulenti tagħha kitbu lill-Kummissjoni. Fl-ittra tagħhom, l-użu tat-terminu "frodi" fl-ittra tal-Kummissjoni tal-31 ta' Awwissu 2015 ġie kkontestat peress li dan kien jirreferi għan-natura intenzjonali tal-aġir previst u minħabba s-sinjifikat negattiv ħafna tiegħu. Huma biss l-allegati nuqqasijiet serji tal-kuntratt li kienu fir-realità inkwistjoni. Barra minn hekk, ġie enfasizzat li l-limitu tas-sanzjoni ta' esklużjoni f'każ bħal dak ineżami tbaxxa minn ħames għal tliet snin, kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 106(14)(c) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Is-sanzjoni ta' sentejn prevista kienet issa fl-ogħla livell tas-sanzjonijiet possibbli u, tal-inqas, kellha tiġi riveduta sabiex titnaqqas. Prinċipalment, intalbet l-assenza ta' kull sanzjoni. Mal-argumenti diġà mressqa, ġie miżjud l-argument li l-Artikolu 106(7) tar-Regolament Finanzjarju fl-istess verżjoni kien jipprevedi li operatur ma setax ikun suġġett għal esklużjoni jekk kien ħa miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tiegħu. F'dan il-każ, ma huwiex biss il-każ li l-Unjoni sabet il-fondi tagħha, iżda r-rikorrenti rrevediet b'mod serju il-modi ta' funzjonament tagħha. L-eżistenza tar-repetizzjoni tal-aġir inkwistjoni ġiet mill-ġdid ikkontestata. Barra minn hekk, ġie espost li r-rikorrenti kienet probabbilment diġà eskluża *de facto* sa min-nofs is-sena 2014 mill-kuntratti tal-Unjoni u li hija rriżervat li tivverifika dan. Ġie mistoqsi wkoll kif il-Kummissjoni kienet biħsiebha ddaħħal fil-proċedura l-bord previst reċentement fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli mill-1 Jannar 2016 (iktar 'il quddiem il-"bord tal-Artikolu 108").

16 Fid-29 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti kitbet lill-Kummissjoni u espremiet dispjaċir għall-fatt li l-ittra tal-konsulenti tagħha miġbura fil-punt 15 hawn fuq tikkunfliġġi mad-deċiżjoni kkontestata. Hija talbet li din tal-aħħar ma tiġix ippubblikata u li din terġa' tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-konsulenti tagħha. Hija staqsiet ukoll x'kienu l-konsegwenzi fuq il-kuntratti pendenti.

17 Fl-1 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni wieġbet lill-konsulenti tar-rikorrenti. Hija enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx ibbażata fuq il-konstatazzjoni ta' frodi, iżda fuq dik ta' nuqqasijiet serji ta' eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali, li l-prinċipju tal-applikazzjoni tal-liġi kriminali inqas severa ġdida kien ġie osservat bit-tnaqqis tal-perijodu ta' esklużjoni minn sentejn għal 18-il xahar, fid-dawl tat-tnaqqis tal-limitu previst għal din is-sanzjoni fil-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, u li r-rikorrenti ma ġietx suġġetta għal esklużjoni *de facto* qabel ma ntemmet il-proċedura. Hija żiedet, essenzjalment, li l-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata ntemmet mat-tmiem tal-proċedura kontradittorja, taħt ir-regoli applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

18 Ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors fit-12 ta' April 2016.

19 B'att separat, iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikoli 151 u 152 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti talbet il-benefiċċju ta' proċedura mħaffa. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2016, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din it-talba.

20 B'att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikorrenti talbet il-benefiċċju tal-anonimat u tal-ommissjoni ta' ċerta informazzjoni għall-pubbliku. B'deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2016, il-Qorti Ġenerali laqgħet din it-talba peress li rifjut tal-anonimat iwassal sabiex jirrendi pubblika s-sanzjoni tar-rikorrenti u għalhekk sabiex tiġi imposta fuqha, fil-fatt, is-sanzjoni addizzjonali tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' esklużjoni (ara l-punt 14 iktar 'il fuq).

21 Fir-rikors, ir-rikorrenti talbet li jittieħdu miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali teżiġi mill-Kummissjoni li tipproduċi ċerti dokumenti u li tagħti ċerti dettalji fuq diversi aspetti fattwali.

22 Wara l-preżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fl-24 ta' Ġunju 2016, risposta tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali aċċettat, fit-18 ta' Lulju 2016, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, it-talba tar-rikorrenti sabiex tippreżenta replika limitata għall-kummentarju taż-żewġ annessi prodotti mill-Kummissjoni u stiednet lil din tal-aħħar tirrispondi b'kontroreplika.

23 Ir-rikorrenti ppreżentat ir-replika fis-7 ta' Awwissu 2016 u l-Kummissjoni ppreżentat il-kontroreplika fit-28 ta' Settembru 2016.

24 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, skont il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, li tagħmel mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet sabiex dawn jiġu mwieġba fis-seduta tas-smigħ tal-kawża.

25 It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2017.

26 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tadotta l-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura mitluba;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

28 Ir-rikorrenti tressaq, fir-rikors, erba' motivi kontra d-deċiżjoni kkontestata. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa meta injorat, fil-mertu, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. Fit-tieni lok, hija kisret forom proċedurali sostanzjali meta adottat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma talbet u kisbet rakkomandazzjoni tal-bord tal-Artikolu 108, kif previst mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju f'din l-istess verżjoni, u meta ma aċċettatx li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti, kuntrarjament għal dak previst minn dawn id-dispożizzjonijiet. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni sussidjarjament li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 133a tar-Regolament ta' applikazzjoni fil-verżjoni applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati, li jiddefinixxi l-kriterji li skonthom il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-perijodu tal-esklużjoni bħal dak stabbilit f'dan il-każ, filwaqt li tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fl-aħħar lok, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ġew fi kwalunkwe każ miksura, sa fejn ir-rikorrenti kienet diġà *de facto* esklużа mill-kuntratti u mis-sussidji tal-Unjoni għall-istess fatti, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

29 Qabelxejn, għandu jiġi eżaminat it-tieni motiv.

Fuq il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

30 Matul is-seduta, ir-rikorrenti rrinunzjat għat-tieni parti ta' dan il-motiv, li skontha l-Kummissjoni żbaljat meta astjeniet milli tagħmel reviżjoni tad-deċiżjoni kkontestata, konformement ma' dak li jirriżulta mill-Artikolu 106(9) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, wara li rċeviet l-ittra tal-konsulenti tagħha tad-29 ta' Jannar 2016, imsemmija fil-punt 15 iktar 'il fuq, li kienet tenfasizza l-miżuri korrettivi meħuda sabiex fatti bħal dawk inkwistjoni ma jerġgħux iseħħu. Ittieħdet nota dwar dan fil-verbal tas-seduta. Għalhekk, għandha tiġi eżaminata biss l-ewwel parti ta' dan il-motiv.

31 Ir-rikorrenti tesponi li l-Kummissjoni indikat hija stess fid-deċiżjoni kkontestata li r-regoli tal-proċedura li kellhom jiġu osservati kienu dawk applikabbli fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni. Issa, peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fit-28 ta' Jannar 2016, kellhom jiġu osservati r-regoli tal-proċedura li jirriżultaw mir-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 u, b'mod partikolari, kellu jiġi kkonsultat il-bord tal-Artikolu 108, previst fil-paragrafi 5 *et seq* tal-istess artikolu tar-Regolament Finanzjarju, qabel ma tiġi adottata l-imsemmija deċiżjoni.

32 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105a(2), moqrija flimkien ma' dawk tal-Artikolu 106(1) u (2), u tal-Artikolu 131(4) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, fil-każ fejn nuqqasijiet gravi għal obbligi kuntrattwali jkunu ġew identifikati wara kontrolli, awditi jew investigazzjonijiet effettwati minn uffiċjal awtorizzanti, l-OLAF jew il-Qorti tal-Awdituri, il-benefiċjarju tas-sussidji kkonċernat ikun jista' jiġi eskluż biss fid-dawl tal-fatti stabbiliti jew ta' konstatazzjonijiet oħra li jidhru f'rakkomandazzjoni maħruġa mill-bord tal-Artikolu 108. Billi l-Kummissjoni ammettiet li ma adottatx id-deċiżjoni kkontestata fuq il-bażi ta' tali rakkomandazzjoni, ir-rikorrenti tesponi li l-intervent tal-bord tal-Artikolu 108 kien intiż sabiex jiggarantixxi d-drittijiet tad-difiża tal-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari sabiex jinnewtralizza l-iżbilanċ eżistenti fir-relazzjonijiet ta' saħħa bejn il-Kummissjoni u l-applikanti jew il-benefiċjarji tas-sussidji, għad-detriment ta' dawn tal-aħħar. Hija ssostni li, kieku l-bord tal-Artikolu 108 intervjena fil-proċedura, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni setgħet tkun differenti, b'mod partikolari minħabba l-fatt li dan kien iwassal sabiex jiġu ċċarati ċerti fatti, minħabba li hija kienet tkun tista' tippreżenta l-argumenti tagħha lil korp iktar indipendenti u minħabba li hija kienet tkun f'pożizzjoni li tipprovdi dettalji tal-miżuri korrettivi li hija kienet adottat.

33 Ir-rikorrenti tiċħad il-possibbiltà mressqa f'dan il-każ mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-ittra tagħha tal-1 ta' Marzu 2016 imsemmija fil-punt 17 iktar 'il fuq, li tikkunsidra li r-regoli ta' proċedura li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma dawk applikabbli fiż-żmien meta "l-proċedura tkun mitmuma", żmien indeterminat li jipprekludi l-kontroll tal-applikazzjoni tajba tar-regoli ta' proċedura *ratione temporis*. Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss id-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tirreferi senjatament għas-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage (C-596/13 P, EU:C:2015:203, punti 33 u 41).

34 Fir-risposta, il-Kummissjoni taċċetta li d-deċiżjoni kkontestata ġiet wara l-1 ta' Jannar 2016 u tenfasizza f'dan ir-rigward li l-premessi tal-imsemmija deċiżjoni jsemmu l-Artikolu 105a, l-Artikolu 106(1)(e), l-Artikolu 108(1) u l-Artikolu 131(4) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett minn din id-data. Madankollu, skont il-Kummissjoni, il-prinċipju ta' applikazzjoni immedjata tar-regoli ta' proċedura huwa prinċipju ġenerali li għandu jiġi implementat fid-dawl tal-partikularitajiet tas-sitwazzjoni inkwistjoni. F'dan il-każ, il-parti mill-proċedura li tinvolvi lir-rikorrenti, jiġifieri l-proċedura kontradittorja, intemmet qabel il-31 ta' Diċembru 2015, taħt ir-regoli proċedurali applikabbli għal dak il-perijodu. Il-fażi interna tal-proċedura stess intemmet fis-17 ta' Diċembru 2015 wara l-konsultazzjoni interdipartimentali li wasslet lid-deċiżjoni sabiex tadotta s-sanzjoni adottata. It-terminu ulterjuri ntuża biss sabiex tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni kkontestata. Kieku ġie deċiż li jiġu segwiti, b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, ir-regoli ta' proċedura ġodda l-intier tagħhom u li jiġi adit il-bord tal-Artikolu 108, dan kien iwassal sabiex terġa' tinbeda l-proċedura kontradittorja li kienet diġà

magħluqa. Madankollu, fir-rigward tal-adozzjoni finali tad-deċiżjoni kkontestata, ir-regoli ta' proċedura ġodda ġew applikati, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105a(2) u tal-Artikolu 131(4) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, li minnhom jirriżulta li d-deċiżjoni kellha tingħata mid-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Politika Ewropea tal-viċinat u n-negozjati għat-tkabbir".

35 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandu jitfakkar li, skont prinċipju ġeneralment irrikonoxxut, leġiżlazzjoni ġdida tapplika, ħlief fil-każ ta' deroga, immedjatament, mhux biss għas-sitwazzjonijiet li għandhom jinħolqu, iżda wkoll għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet maħluqa taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti. Min-naħa l-oħra, din normalment ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali maħluqa u definittivament miksuba taħt din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 1965, Singer, 44/65, EU:C:1965:122, p. 1200; tal-15 ta' Frar 1978, Bauche, 96/77, EU:C:1978:26, punt 48, u tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage, C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 32). Is-sitwazzjoni tkun differenti jekk, u b'riżerva għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività ta' atti ġuridiċi, jekk ir-regola l-ġdida tkun akkumpanjata b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Gemeinde Altrip *et*, C-72/12, EU:C:2013:712, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita li r-regoli ta' proċedura japplikaw, fil-prinċipju, għall-proċeduri kollha pendenti fiż-żmien li jidħlu fis-seħħ [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270, punt 9; tas-6 ta' Lulju 1993, CT Control (Rotterdam) u JCT Benelux vs Il-Kummissjoni, C-121/91 u C-122/91, EU:C:1993:285, punt 22, u tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage, C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 33]. Dan ma jkunx il-każ biss jekk ir-regola l-ġdida tkun akkumpanjata minn dispożizzjonijiet partikolari li jiddeterminaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tagħha *ratione temporis* jew skont l-istadju tal-prosegwiment tal-proċeduri kkonċernati.

37 F'dan il-każ, ir-Regolament 2015/1929, li bis-saħħa tiegħu ġie emendat ir-Regolament Finanzjarju b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, ma jinkludi ebda dispożizzjoni tranżitorja partikolari li takkumpanja l-istabbiliment ta' din id-data ta' applikazzjoni ġenerali. L-istess huwa l-każ fir-rigward tar-Regolament 2015/2462 fir-rigward tal-emendi li saru għar-Regolament ta' applikazzjoni b'effett fl-istess data.

38 Madankollu, kif ġie ġġudikat fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Andreasen vs Il-Kummissjoni (F-40/05, EU:F:2007:189, punti 165 u 166), li għaliha nġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-finijiet tas-seduta, l-applikazzjoni ta' regola ta' proċedura ġdida għal proċedura diġà mibdija taħt ir-regola ta' proċedura preċedenti, *a fortiori* għal proċedura magħluqa, tista' twassal, jekk din il-proċedura jkollha għalhekk tinbeda mill-ġdid, sabiex tagħti effett retroattiv għar-regola ta' proċedura ġdida u mhux sempliċement tapplikaha għal sitwazzjoni pendenti jew għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni maħluqa taħt ir-regola preċedenti. Fil-fatt, f'tali każ, l-applikazzjoni tar-regola ta' proċedura ġdida twassal għall-annullament *a posteriori* tal-proċeduri jew tal-passi proċedurali li kienu konformi mar-regola fis-seħħ meta dawn twettqu.

39 F'dan il-każ, il-Kummissjoni tesponi, essenzjalment, li l-proċedura kontradittorja qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-sanzjoni kienet magħluqa fl-1 ta' Jannar 2016 meta l-verżjoni ġdida tar-Regolament Finanzjarju saret applikabbli. Skontha, l-intervent, f'dawn iċ-ċirkustanzi, tal-bord tal-Artikolu 108, kif previst mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, kien iwassal sabiex tinbeda mill-ġdid proċedura kontradittorja regolarment imwettqa taħt ir-regoli ta' proċedura applikabbli dak iż-żmien.

40 Għandu jiġi kkonstatat, kif il-Kummissjoni ssostni, li l-proċedura kontradittorja kienet f'dan il-każ magħluqa qabel l-1 ta' Jannar 2016. Fil-fatt, din infetħet, fuq il-bażi tal-Artikolu 131(5) moqri flimkien mal-Artikolu 109(1) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015 u fuq il-bażi tal-Artikolu 145 tar-Regolament ta' applikazzjoni fl-istess verżjoni, bl-ittra tal-Kummissjoni tal-

31 ta' Awwissu 2015, imsemmija fl-punt 4 iktar 'il fuq. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-aħħar paragrafu ta' din l-ittra. Il-proċedura kontradittorja relatata mas-sanzjoni ngħalqet f'Ottubru 2015 bil-preżentata, fit-terminu stabbilit mill-Kummissjoni, ta' osservazzjonijiet bħala risposta tar-rikorrenti, miġbura fil-qosor fil-punt 7 iktar 'il fuq. Fl-assenza ta' lmenti ġodda jew ta' talbiet għal kjarifiki jew għal dokumenti min-naħa tal-Kummissjoni sussegwenti, din il-proċedura ma ħaditx iktar fit-tul minn hekk. Għalhekk, hemm lok li jiġi konkluż, fid-dawl tal-proċess, li l-proċedura kontradittorja tmexxiet u ngħalqet regolarment fid-dawl tar-regoli li kienu applikabbli għaliha.

41 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-dispożizzjonijiet tal-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli sa mill-1 ta' Jannar 2016, li jidhru b'mod partikolari fl-Artikolu 108 tal-imsemmi regolament, bidlu b'mod ferm sostanzjali l-kors tal-proċedura ta' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni bħad-deċiżjoni kkontestata, peress li, wara li jkun ġie adit mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li jibgħatlu l-inkartament, il-bord tal-Artikolu 108 għandu jiżgura huwa stess il-proċedura kontradittorja fir-rigward tal-operatur ikkonċernat, u għandu joħroġ rakkomandazzjoni lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli sabiex dan jadotta deċiżjoni b'miżuri ta' sanzjoni fejn xieraq. Fil-verżjonijiet applikabbli tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2015, mill-banda l-oħra, la r-Regolament Finanzjarju u lanqas ir-Regolament ta' applikazzjoni ma kienu jipprovdu stadju proċedurali sussegwenti għall-proċedura kontradittorja, li kien żgurat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli nnifsu, barra dak tal-fażi finali ta' adozzjoni tad-deċiżjoni. Il-bdil ta' leġiżlazzjoni ma wassalx biss għal sempliċi żieda ta' stadju addizzjonali għall-proċedura preliminari eżistenti, stadju li seta' jsir mingħajr ma jitqiegħed f'dubju dak kollu li jkun sar qabel, iżda wassal sabiex il-proċedura preliminari eżistenti tiġi ssostitwita, f'parti kbira, minn proċedura preliminari ġdida. Għandu jingħad ukoll li, kuntrarjament għal dak li setgħu jargumentaw il-Kummissjoni u r-rikorrenti rispettivament, il-"proċedura" ma ntemmitx la fit-tmiem tal-konsultazzjoni interdipartimentali fis-17 ta' Diċembru 2015 u lanqas f'mument indeterminat jew mhux verifikabbli. Il-proċedura li pprekediet l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ntemmet f'dan il-każ f'Ottubru 2015 mat-tmiem tal-proċedura kontradittorja u l-proċedura ta' sanzjoni fil-globalità tagħha ngħalqet fit-28 ta' Jannar 2016 bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

42 Mill-premess jirriżulta li hija l-globalità tal-proċedura li pprekediet l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li tmexxiet u ngħalqet qabel l-1 ta' Jannar 2016 fid-dawl tar-regoli li kienu applikabbli għaliha.

43 Il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata wara li ġiet implementata l-verżjoni l-ġdida tar-Regolament Finanzjarju bl-istabbiliment tal-bord tal-Artikolu 108 ma jippermettix li din l-evalwazzjoni tiġi kkonfutata. Fil-fatt, minkejja li dan l-istabbiliment kellu l-għan li jsaħħaħ id-drittijiet tad-difiża tal-kokontraenti tal-Unjoni li jistgħu jkunu suġġetti għal sanzjoni skont ir-Regolament Finanzjarju, l-ebda dispożizzjoni espliċita jew impliċita tar-Regolament 2015/1929 jew tar-Regolament 2015/2462 ma tista' tiġi interpretata bħala li tagħti lill-Artikolu 105a(2) u lill-Artikolu 106(2) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, li jipprevedu f'ċertu numru ta' każijiet l-intervent tal-bord tal-Artikolu 108, portata retroattiva li timplika li tinbeda mill-ġdid il-proċedura preliminari magħluqa regolarment qabel din id-data, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-osservanza tal-kontradittorju (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, Andreasen vs Il-Kummissjoni, F-40/05, EU:F:2007:189, punti 165 sa 171).

44 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma invokat ebda modalità tal-fażi finali ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li ma ġietx osservata, kemm jekk taħt ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament ta' applikazzjoni fil-verżjonijiet tagħhom applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015 kif ukoll jekk taħt l-istess regolamenti fil-verżjonijiet applikabbli tagħhom sal-1 ta' Jannar 2016.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' irregolarità ta' proċedura, jekk ikun il-każ li tikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, li tista' tivvizzja d-deċiżjoni kkontestata b'illegalità. Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa

46 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati, dawk tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 jinkludu diversi elementi li għandhom jitqiesu li huma inqas severi fir-rigward tas-sanzjonijiet applikati f'każ bħal dak tal-każ ineżami. Fl-ewwel lok, iż-żmien massimu ta' esklużjoni tnaqqas għal tliet snin, skont l-Artikolu 106(14)(c), meta dan kien ħames snin qabel; fit-tieni lok, l-Artikolu 106(7)(a) jipprevedi issa li meta l-operatur ikkonċernat ikun ħa ċerti miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tiegħu, dan ma jistax ikun is-suġġett ta' esklużjoni, meta qabel tali ċirkustanza kienet biss tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tas-sanzjoni eventwali; fit-tielet lok, l-Artikolu 106(3) isemmi issa, fost il-kriterji ta' evalwazzjoni tas-sanzjoni eventwali, "kwalunkwe ċirkostanza attenwanti oħra, bħal kemm l-operatur ekonomiku jkun ikkollabora mal-awtorità rilevanti kompetenti u l-kontribut tiegħu għall-investigazzjoni", meta qabel dawn l-elementi ma kinux imsemmija. Il-Kummissjoni ma applikatx dawn id-dispożizzjonijiet inqas severi, u b'hekk kisret il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa.

47 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni kkontestata ma tiksirx il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa.

48 B'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 dwar l-identifikazzjoni tar-riskji u tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi ma humiex iktar permissivi jew inqas severi minn qabel, kif dan joħroġ mill-premessa 8 tar-Regolament 2015/1929, li tipprovdi li huwa meħtieġ li r-regoli dwar l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti jew mill-ksib ta' sussidji jiġu mtejba sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

49 Speċifikament, iċ-ċirkustanzi attenwanti msemmija mir-rikorrenti huma sempliċi eżempji ta' tali ċirkustanzi, diġà meħuda inkunsiderazzjoni fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 133a tar-Regolament Nru 2342/2002 jindika li, sabiex jiġi ddeterminat il-perijodu tal-esklużjoni u sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-istituzzjoni kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-gravità tal-fatti, partikolarment l-impatt tagħhom fuq l-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u ż-żmien li għadda mill-ksur, it-tul tiegħu u r-repetizzjoni tiegħu, l-intenzjoni jew il-grad ta' negliġenza tal-entità inkwistjoni u l-miżuri meħuda minnha sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma werietx speċifikament, matul il-proċedura kontradittorja, il-kooperazzjoni tagħha mal-awtorità kompetenti u l-kontribuzzjoni tagħha fl-investigazzjoni.

50 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-miżuri korrettivi msemmija mir-rikorrenti, il-Kummissjoni tesponi, essenzjalment, billi tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' tali miżuri jippreżumi li dawn ippermettew lill-operatur ekonomiku kkonċernat juri l-affidabbiltà tiegħu. Tali rekwiżit ma kienx jeżisti qabel, skont il-Kummissjoni, u l-isforzi f'dan ir-rigward kienu sempliċement jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanzi attenwanti. Ir-regoli l-ġodda għalhekk ma humiex inqas severi minn dawk ta' qabel.

51 Dwar iż-żewġ aspetti tal-aħħar imressqa mir-rikorrenti, il-leġiżlazzjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 ma hijiex għalhekk inqas severa minn dik applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati.

52 Finalment, fir-rigward tal-limitu tal-perijodu ta' esklużjoni, effettivament inqas minn dak preċedenti ta' ħames snin, il-Kummissjoni tenfasizza li, fil-proċedura, qatt ma kien previst li jinqabeż il-limitu ġdid ta' tliet snin, peress li l-perijodu ta' esklużjoni inizjalment stipulat kien ta' sentejn u, finalment, ġie applikat perijodu ta' esklużjoni ta' 18-il xahar. L-ebda regola fil-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju jew f'dik

tar-Regolament ta' applikazzjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 ma tipprevedi tnaqqis tat-tul tas-sanzjonijiet proporzjonali għat-tnaqqis tal-limitu tagħhom. Konsegwentement, ebda regola ġdida inqas severa ma ġiet miksura fir-rigward tal-perijodu ta' esklużjoni stabbilit.

53 Il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa ġie stipulat, b'mod partikolari, fl-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundmentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi:

"L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli."

54 Kif tfakkar fis-sentenza tal-11 ta' Marzu 2008, Jager (C-420/06, EU:C:2008:152, punti 59 u 60), dan il-prinċipju jagħmel parti mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, b'mod li dan għandu jitqies bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti għandha tiżgura l-osservanza tiegħu. Dan huwa senjatament espost fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340), li jikkostitwixxi l-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-kontrolli, il-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-irregolaritajiet li għandhom jew ikollhom l-effett li jkunu ta' preġudizzju għall-baġit tal-Unjoni jew għal baġits amministrati minnha u li għalhekk japplika għall-każ ineżami. Skont din id-dispożizzjoni, huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom japplikaw b'mod retroattiv, għal aġir li jikkostitwixxi irregolarità, l-emendi sussegwenti miġjuba minn dispożizzjonijiet inklużi f'leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni li jistabbilixxu sanzjonijiet inqas severi.

55 Fil-preżenza ta' żvilupp fil-leġiżlazzjoni dwar is-sanzjonijiet amministrattivi, li jwassal sabiex dwar ċerti aspetti l-leġiżlazzjoni l-ġdida tkun inqas severa, iżda dwar aspetti oħra iktar severa minn ta' qabel, hemm lok, sabiex tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni l-iktar klementi, mhux li ssir analiżi astratta, iżda li jiġi ddeterminat dak li, *in concreto*, huwa l-iktar favorevoli għall-impriża inkwistjoni, fid-dawl tas-sitwazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2014, Riva Fire vs il-Kummissjoni, T-83/10, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2014:1034, punt 85; Qorti EDB, 17 ta' Settembru 2009, Scoppola vs L-Italja, CE:ECHR:2009:0917JUD001024903, punt 109, u Qorti EDB, 18 ta' Lulju 2013, Maktouf u Damjanović vs Bosnija-Herzegovina, CE:ECHR:2013:0718JUD000231208, punt 65).

56 F'dan il-każ, meta jitqabblu, fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-każ ineżami, id-dispożizzjonijiet relatati mas-sanzjonijiet imposti skont ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament ta' applikazzjoni, minn naħa, fil-verżjonijiet applikabbli tagħhom fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati u, min-naħa l-oħra, fil-verżjonijiet applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, jistgħu jsiru l-konstatazzjonijiet li ġejjin.

57 L-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, li jistabbilixxi l-impossibbiltà li operatur li jkun ħa ċerti miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tiegħu jiġi eskluż mill-kuntratti u mis-sussidji tal-Unjoni, jikkostitwixxi b'mod ċar dispożizzjoni inqas severa minn dik applikabbli qabel. Fil-fatt, is-sodisfazzjon ta' dawn il-kundizzjonijiet, anki jekk dan jeħtieġ dimostrazzjoni eżiġenti, jippermetti issa l-benefiċċju ta' eżenzjoni totali mis-sanzjoni ta' esklużjoni, filwaqt li qabel dan ma kienx neċessarjament iwassal għal tali eżenzjoni. Din id-dispożizzjoni hija rilevanti *in concreto* fil-każ ineżami, sa fejn, fir-risposta tagħha tal-5 ta' Ottubru 2015 lill-Kummissjoni, li saret fil-kuntest tal-proċedura kontradittorja u li ġiet miġbura fil-qosor fil-punt 7 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti sostniet espressament, bi provi, il-miżuri korrettivi li hija indikat li kienet adottat wara l-attivitajiet inkwistjoni u sal-estent li l-Kummissjoni ma qisithomx insinjifikattivi, peress li hija ħadithom inkunsiderazzjoni, kif jirriżulta mill-paragrafu 68 tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex tiddetermina l-perijodu ta' esklużjoni stabbilit. Konsegwentement, sabiex jiġi ddeterminat liema kienet

il-leġiżlazzjoni l-iktar klementi, l-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 jikkostitwixxi dispożizzjoni iktar klementi li tista' tkun ta' benefiċċju għar-rikorrenti.

58 F'dan ir-rigward, mhux biss, kif espost fil-punt 9 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni rreferiet b'mod ġenerali fid-deċiżjoni kkontestata espliċitament għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament ta' applikazzjoni relatati mas-sanzjonijiet applikabbli fiż-żmien meta seħħew il-fatti kkritikati, iżda jidher ukoll li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod konkret l-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, li jistabbilixxi l-impossibbiltà li operatur li jkun ħa ċerti miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tiegħu jiġi eskluż mill-kuntratti u mis-sussidji tal-Unjoni. Fil-fatt, minkejja li d-deċiżjoni kkontestata turi li ttieħdu inkunsiderazzjoni l-miżuri korrettivi tar-rikorrenti sabiex tiddetermina l-perijodu ta' esklużjoni stabbilit, ma tirriżulta ebda raġuni li tesponi għaliex dawn kienu insuffiċjenti sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmija dispożizzjoni. Għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma eżaminatx jekk hija kellhiex tapplika jew tinjora din tal-aħħar. Hemm lok li jiġi speċifikat f'dan ir-rigward li l-argument imressaq fir-risposta tal-Kummissjoni, li n-nuqqas ta' rikonoxximent, mir-rikorrenti, matul il-proċedura kontradittorja, tan-natura intenzjonali, min-naħa tagħha, tal-istabbiliment ta' sejħiet għall-kompetizzjoni fittizji rrapportati fir-rapport tal-OLAF juri li l-affidabbiltà tagħha ma ġietx riintegrata, ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, operatur ekonomiku suġġett għal proċedura ta' sanzjoni għandu dejjem id-dritt li jiddefendi ruħu kontra lmenti fformulati kontra tiegħu u l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jippreġudikax l-evalwazzjoni tal-affidabbiltà tiegħu wara l-fatti imputat bihom, fid-dawl tal-miżuri korrettivi li huwa seta' adotta. Dan jikkonferma li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 seta' jwassal għal deċiżjoni inqas severa għar-rikorrenti.

59 Iktar minn hekk, ma huwiex eskluż li, f'każ bħal dak ineżami, it-tnaqqis minn ħames għal tliet snin tal-perijodu massimu ta' esklużjoni, li jirriżulta mill-Artikolu 106(14)(c) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016, jista' jwassal lil uffiċjal awtorizzanti responsabbli, taħt l-istess kundizzjonijiet fil-kumplament, meta jkun qiegħed japplika din il-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju, li japplika perijodu ta' esklużjoni fir-rigward tal-operatur ikkonċernat iżgħar minn dak li kien japplika taħt il-verżjonijiet preċedenti tar-Regolament Finanzjarju u tar-Regolament ta' applikazzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni stess iddikjarat fl-ittra tagħha tal-1 ta' Marzu 2016, imsemmija fil-punt 17 iktar 'il fuq, li t-tnaqqis tal-limitu tal-perijodu ta' esklużjoni kien ittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-perijodu ta' esklużjoni ta' 18-il xahar minflok perijodu ta' sentejn kif inizjalment previst. Konsegwentement, l-Artikolu 106(14)(c) tar-Regolament Finanzjarju fil-verżjoni applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 kien jikkostitwixxi wkoll *in concreto* dispożizzjoni iktar klementi li tista' tkun ta' benefiċċju għar-rikorrenti, anki jekk il-perijodu ta' esklużjoni previst mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-31 ta' Awwissu 2015 kien diġà iżgħar mil-limitu l-ġdid.

60 Madankollu, minkejja dak indikat fl-ittra tal-1 ta' Marzu 2016 imsemmija fil-punt 59 iktar 'il fuq, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' din id-dispożizzjoni lanqas ma jidher fid-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari fil-punti 45 *et seq* fil-parti intitolata "Perijodu tal-esklużjoni", kif il-Kummissjoni kkonfermat fis-seduta.

61 Barra minn hekk, jista' jiġi osservat li hemm ċertament fir-regoli applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016 dispożizzjoni li tidher li hija iktar severa minn dik li kienet prevista fir-regoli applikabbli fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati. Fil-fatt, kif espost fil-punt 14 iktar 'il fuq, dawn tal-aħħar ma kinux jipprevedu l-possibbiltà ta' pubblikazzjoni ta' deċiżjoni ta' sanzjoni jew l-elementi essenzjali marbuta magħha, kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-verżjoni tar-Regolament Finanzjarju applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016. Madankollu, skont din tal-aħħar, mhux biss tali pubblikazzjoni ma hijiex obbligatorja, iżda, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni la pprevediet u lanqas iddeċidiet tali pubblikazzjoni, li barra minn hekk kienet tmur kontra l-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tas-sanzjonijiet amministrattivi mhux previsti fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti kkritikati

(ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 202). Konsegwentement, dan l-aspett ma jistax ikollu rwol f'din il-kawża.

62 Għalhekk, mill-evalwazzjoni konkreta tas-sitwazzjoni jirriżulta li l-Kummissjoni kellha, sabiex tosserva l-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali inqas severa, tapplika r-regoli ta' sanzjoni li jirriżultaw mir-Regolament Finanzjarju u mir-Regolament ta' applikazzjoni fil-verżjonijiet tagħhom applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

63 Id-deċiżjoni kkontestata għandha għalhekk tiġi annullata, peress li din ġiet adottata, kif ġie kkonstatat fil-punti 58 u 60 iktar 'il fuq, mingħajr ma jidher li ttieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tar-regoli kriminali inqas severi li, applikati retroattivament għall-fatti tal-każ ineżami, setgħu jwasslu għal deċiżjoni iktar klementi. Għalhekk, ma hemmx ħtieġa li jsir eżami taż-żewġ motivi l-oħra mqajma mir-rikorrenti jew tat-talbiet ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura fformulati minnha.

Fuq l-ispejjeż

64 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Jannar 2016, li tipprovdi sanzjoni amministrattiva ta' esklużjoni ta' NC mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u mis-sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal perijodu ta' 18-il xahar u li konsegwentement tinkludiha fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 hija annullata.**

2) **Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Gervasoni Madise Kowalik-Bańczyk

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 2017.

Firem